


## Il-Proċess ta' Diġitizzazzjoni fil-Biblijoteka Nazzjonali

Fil-Biblijoteka Nazzjonali nsibu bosta dokumenti li, jew huma fraġli ħafna, bħal ngħidu aħna gazzetti tas-seklu 19, jew li huma ta' valur imprezzabbli, bħal ngħidu aħna, il-ktieb ta' Nostradamus jew dokumenti oħra ta' importanza storika kbira. Biex dawn il-pubblikazzjonijiet ikunu protetti u mħarsa, fil-Biblijoteka Nazzjonali beda jitħaddem il-proċess ta' diġitizzazzjoni. F'dan il-proċess jittieħed ritratt tad-dokument, isirlu l-editjar u l-katalogar meħtieġ, u wara jittella' online ħalli jkun aċċessibbli għal riċerkaturi mid-dinja kollha. Il-proċess ta' diġitizzazzjoni mistenni jibqa' sejjer għal snin twal, ħalli xi darba, kull dokument ta' valur fil-Biblijoteka Nazzjonali jkollu l-kopja diġitali tiegħu li tassigura li jkun jista' jibqa' jitgawda għal sekli twal oħra. Dan huwa l-indirizz elettroniku biex tara x'dokumenti ttellgħu fis-sit tal-Biblijoteka: **http://www.digivault.maltalibraries.gov.mt/**

## Għaliex?

### Jedd l-Ilsien Malti

Għaliex tarmih l-ilsien li tatek ommok,
U titlef għaqlek wara lsien barrani?
Maltija kienet l-ewwel kelma f'fommok,
U bil-Malti tkellimt tifel daħkani.

U kiber miegħek dak l-ilsien ewlieni,
U ġmielu ntiseġ mal-ġrajjiet ta' ħajtek:
Bih fissirt qalbek meta sfajtli hieni,
Bih fissirt għommtok meta mbikki rajtek.

Għaliex immela tiċħad, Malti ħija,
Lil dan l-ilsien li bih int Malti sewwa?
Ħobb, jekk jiswewlek, l-ilsna barranija,
Iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa.

*Dun Karm*



**ID-DIPARTIMENT TAT-TMEXXIJA TAL-KURRIKULU**

**(IT-TAQSIMA TAL-MALTI)**

**u**

**L-BIBLIJOTEKA NAZZJONALI TA' MALTA**

# MIXJET IL-MALTI





## Minn Caxaro sa Aquilina

*Ħarsa lejn uħud mix-xogħlijiet u l-persunaġġi ewlenin li ħadmu għall-iżvilupp tal-Malti tul is-sekli.*

ŻJARA EDUKATTIVA FIL-BIBLIJOTEKA NAZZJONALI

19 - 25 ta' April 2023

**KTEJJEB TA' TAĦRIĠ**

**L-Isem:**________________________ **Il-Klassi:**________

## Il-Biblijoteka Nazzjonali



Il-bini tal-Biblijoteka Nazzjonali jinsab f' Misraħ ir-Repubblika jew, kif inhi magħrufa ma' ħafna Maltin, Pjazza Reġina. Bdiet tinbena fl-1776 taħt il-Gran Mastru De Rohan minħabba li l-post fejn kienu jinżammu l-kotba u dokumenti oħra fil-Belt ma kienx kbir biżżejjed għall-ammont ta' kotba li kien hemm. Il-binja tlestiet fl-1796 u hija l-aħħar waħda tal-Kavallieri f'pajjiżna.



Il-fundatur tal-Biblijoteka kien il-Balliju Guerin de Tencin li fl-1766 ħalla kollezzjoni ta' kotba li kienet tlaħħaq id-9600 volum. Biex il-kollezzjonijiet tpoġġew kollha fil-bini l-ġdid għaddew is-snin, u kien biss fl-1812 (fi żmien l-Ingliżi) li l-Biblijoteka nfetħet uffiċjalment. Bil-liġi żewġ kopji ta' kull pubblikazzjoni stampata f'Malta jridu jingħataw lill-Biblijoteka Nazzjonali.








41. **Ġużè Ellul Mercer** - *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938)

Dan ir-rumanz psikoloġiku, l-ewwel wieħed tal-ġeneru tiegħu fil-letteratura Maltija, jitqies bħala l-kapulavur letterarju ta' Ellul Mercer. Fih l-awtur iħares lejn l-injoranza bħala dik li twassal għall-isfruttament.

Dan ir-rumanz jista jitqies ukoll bħala kritika lis-soċjetà Maltija ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Kif jidher dan mill-paġna li fiha hu miftuħ il-ktieb?



________________________________________

42. **Pietru Pawl Saydon** *Il-Bibbja* (ippubblikata mis-Soċjetà tal-MUSEUM) - 1977, 1982, 1990

Saydon ittraduċa l-Bibbja għall-Malti mill-oriġinal (il-Lhudi, l-Aramajk u l-Grieg). Dan seta' jagħmlu għax kien studjuż kbir tal-ilsna Semitiċi.

43. **Joseph Aquilina**

*Maltese-English Dictionary* (2 volumi - 1987, 1990)

Fl-1987 ħareġ id-dizzjunarju kapulavur tal-Prof. Aquilina li għadna nqisuh l-aqwa wieħed bi lsienna sal-lum.

Ikteb **S** ħdejn il-verbi li huma Semitiċi.

Ikteb **I** ħdejn il-verbi li ġejjin mill-Ingliż.



faħħar ☐ iffajlja ☐ fakkar ☐ fajjar ☐

Ara sew paġna 299 tad-Dizzjunarju u ċċekkja t-tweġiba tiegħek!

37. **Antonio Cremona** - *Il-Fidwa tal-Bdiewa* (1936)

Dan id-dramm huwa meqjus bħala l-aqwa biċċa xogħol letterarju ta' Cremona.

Dan id-dramm huwa ambjentat fis-seklu 15 fi

żmien il-ħakma ta' ____________________ meta

pajjiżna kien taħt is-saltna ta' ____________________ .



38. **Antonio Cremona**

*Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu* (1937)

Fost il-bijografiji bil-Malti li kiteb Cremona, *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu* hija l-ewwel waħda, l-aktar dokumentata u forsi l-aktar waħda importanti. Kienet dehret biċċa biċċa f'*Il-Malti* bejn l-1932 u l-1937.

39. **Dun Karm Psaila** - *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* (1938)

Miktuba fl-1938. Hi meqjusa bħala x-xogħol ewlieni tal-poeta nazzjonali u tal-letteratura Maltija.

Dun Karm jiddeskrivi din il-poema bħala għanja

___________, _____________ u _____________



40. **Ġużè Aquilina** - *Taħt Tliet Saltniet* (1938)

L-istorja tar-rumanz hija dwar l-imħabba ta' bejn iben baronessa u tfajla bidwija bi sfond storiku ta' dak li kien qed jiġri fi żmien il-Kavallieri, il-Franċiżi u l-Ingliżi.



1. **Pietru Caxaro** - *Il-Kantilena* (c. 1450)

*Il-Kantilena* hija l-ewwel kitba li għandna bil-Malti u għandha l-forma ta' poeżija. Kitibha Pietru Caxaro fis-seklu ħmistax u għalhekk miktuba b'Malti Medjevali.

***Il-Kantilena – Pietru Caxaro***

*Xidew il-qada, ja ġireni, tale nħadditkom,*
*Ma nsab fil-weri u la nsab f'għomorkom*
*Qalb m'għandha ħakem, sultan u le mula*
*Bir imgħammiq irmietni, b'turġien muħsula,*
*Fejn, ħajran għall-għarqa, ninżel f'tiraġ minżeli*
*Nitla' u narġa' ninżel dejjem f'baħar il-għali.*
*Waqgħet hi, imrammti, l'ili żmien nibni,*
*Ma ħtatlix mgħallmin, 'mma qatagħli tafal merħi;*
*Fejn tmajt insib il-ġebel sibt tafal merħi;*
*Waqgħet hi, imrammti.*
*Waqgħet hi, imrammti; niżżlet hi s-sisien;*
*Ma ħtatlix l-imgħallmin, 'mma qatgħetli l-ġebel;*
*Fejn tmajt insib il-ġebel sibt tafal merħi*
*Waqgħet hi, mrammti, l'ili żmien nibni.*
*U hekk waqgħet hi, imrammti! U erġa' ibniha!*
*Biddillha inti l-imkien illi jewtiha.*
*Min ibiddel l-imkien ibiddel il-vintura;*
*Għaliex l-iradi għal kull xiber sura:*
*Hemm art bajda, u hemm art sewda u ħamra.*
*Aktar minn hedawn hemm trid minnha tmarra.*

2. **Hieronymus Megiser -** *Propugnaculum Europae* (1610)

Din hi x'aktarx l-eqdem lista ta' kliem bil-Malti ppubblikata. Hieronymus Megiser kien vjaġġatur Ġermaniz li żar Malta fl-1588 u tant interessatu li kiteb ktieb dwarha. Fih ħallielna lista ta' 121 kelma bil-pronunzja kif ħassha hu. Il-ktieb li fih dehret il-lista ħareġ għall-ewwel darba fl-1606. L-edizzjoni għall-wiri hija tal-1610.



der Insul Malta. 11

| | |
|---|---|
| Toffia | Apffel/ |
| Lancias | Birn/ |
| Sigura | Baum/ |
| Veheb | Gold/ |
| Ofeda | Silber/ |
| Flus | Geldt/ |
| Sarbon | Schuch/ |
| Chtieb | Buch/ |
| Tar | Hauß/ |
| Sotta | Bett/ |
| Eiamorro | Gehen/ |
| Cul | Essen/ |
| Nißitop | Trincken/ |
| Camer | Mon/ |
| Belt | Statt/ |
| Nerquo | Reitten/ |

Ħares lejn il-kolonna tal-lemin u sib il-kelma Ġermaniża 'Gold' (Gold). Iktibha kif qalibha Megiser u kif niktbuha bil-Malti tal-lum.



| | |
|---|---|
| | |



33. **Juann Mamo**

*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika* (1930)

Inkiteb bl-iskop li jagħti stampa tal-qagħda soċjali tal-gżejjer Maltin ta' żmienu.

34. ***Leħen il-Malti***

*Ir-rivista tal-Għaqda tal-Malti – Università* (1931)

Fl-ewwel paragrafu tal-editorjali tal-ħarġa numru 4 jingħataw żewġ raġunijiet għaliex għandu jkollna ortografija waħda. Dawn huma:



1. ___________________________ ta' min jikteb bil-Malti.

2. tiżdied ukoll _______________________ il-Ġens Malti.

35. **Dun Karm Psaila -** *L-Oqbra* (1936)

Dun Karm ittraduċa l-poeżija *L-Oqbra*, waħda mill-isbaħ poeżiji bit-Taljan, għal Malti tajjeb u mirqum. Huwa għamel dan biex juri l-qawwa u l-espressività tal-Malti u biex jipprova li bi lsienna tista' tfisser ħsibijiet għolja u raffinati.

L-edizzjoni tal-1936 kienet stampata

fl-_______________________________ u kienet

tinbiegħ _______________________.



36. **Ġużè Aquilina / Pietru Pawl Saydon**

*Ward ta' Qari Malti* (1936)

L-ewwel antoloġija rappreżentattiva u sistematika tal-letteratura Maltija ppubblikata fl-1936.

## 29. ***L-Evanġelju Mqaddes*** - *San Mattew* (1895/1914)

Fl-1895 Muscat Azzopardi, bil-kunsens tal-Isqof u bil-barka tal-Papa, qaleb għall-Malti l-Vanġelu ta' San Mattew.

It-tifsir kollu li nsibu f'dan *L-Imqaddes Evanġelju* hu tal-____________________ u ta' xi __________________ oħra.



## 30. **Antonio Cremona** - *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924)

Bis-saħħa ta' dan il-manwal intemm it-taħwid fil-kitba tal-Malti u tfassal alfabett li għadu jgħodd sal-lum.

F'paġna 3, Cremona jagħti l-lista tal-konsonanti tal-alfabett Malti. X'tinnota fl-ordni tal-aħħar żewġ konsonanti mqabbel ma' tal-lum?

________________________________________



## 31. ***Il-Malti***

Ir-rivista tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (1925)

Aqra sew l-ewwel paragrafu tal-editorjali u kompli dawn is-sentenzi.



*Il-Malti* kien joħroġ kull __________________________

*Il-Malti kien joħroġ biex ixerred* __________________

## 32. **E.B.Vella** - *Ġabra ta' Ward* (1930)

Fit-tletinijiet, ippubblika sensiela ta' kotba ta' qari għal kull sena tal-iskejjel primarji, bl-isem *Ġabra ta' Ward*. Din is-sensiela damet tintuża fl-iskejjel sas-snin sittin tas-seklu l-ieħor.



## 3. **Giovanni Francesco Bonamico**

*Mejju Ġie bil-Ward u ż-Żahar* (c. 1672)

Għal ħafna snin din kienet meqjusa bħala l-eqdem poeżija bil-Malti.

Innota sew il-manuskritt ta' De Soldanis u kompli t-tieni strofa ta' ***Mejju Ġie bil-Ward u ż-Żahar***. Ikteb bil-Malti tal-lum.

*Tar is-*_________ *minn wiċċ is-sema*

*Sa fl-iġbiel nibtet il-*__________

*Reġgħet tgħanni kull* ____________

*U fil-*___________ *kull tirtema.*



Ir-rima ta' din il-poeżija antika hi:

- ☐ mqabbża (a-b-ċ-b)
- ☐ alternata (a-b-a-b)
- ☐ mbewsa (a-b-b-ċ)
- ☐ magħluqa (a-b-b-a)
- ☐ ħielsa

## 4. **Ġan Franġisk Agius De Soldanis**

*Della Lingua Punica* (1750)

De Soldanis stampa din il-grammatika f'Ruma u kitibha bit-Taljan.

F'paġna 112, De Soldanis jagħti l-ismijiet ta' bliet bit-Taljan fuq ix-xellug u bil-Malti fuq il-lemin. Kif jagħtihom bil-Malti tal-lum l-ismijiet *Cospicua* u *Pinto*?



| | |
|---|---|
| | |

5. **Ġan Piet Franġisk Agius De Soldanis**

*Apoftegmi e Proverbii Maltesi* (c. 1750)

Ġabra fiha 387 qawl. De Soldanis kien l-ewwel studjuż li ġabar dawn is-sentenzi qosra mimlijin għerf missirijietna.

Il-qawl Malti llum jgħid: ***Naħqa ta' ħmar qatt ma telgħet is-sema.***

Kif kien dan il-qawl fi żmien De Soldanis? Iktbu bil-Malti tal-lum.



6. **Dun Franġisk Wizzino** - *It-Tagħlim Nisrani* (1752)

Probabbilment dan kien l-ewwel ktieb reliġjuż miktub bil-Malti għall-Maltin. Il-ktieb hu mibni fuq mistoqsijiet u tweġibiet li jgħinu lin-Nisrani jgħix ħajja tajba.

F'paġna 110 nsibu l-aħħar domanda u risposta li għandhom x'jaqsmu mat-Tagħlim tal-Qrar. Xi tweġiba jagħti għall-mistoqsija:

***Meta tagħmilha t-tewba tal-konfessur?***



Agħti kelma oħra għal **tewba.**

It-tweġiba tinsab fil-verżjoni bit-Taljan li jagħti Wizzino!



24. **Giuseppe Folliero De Luna**

*Elvira jew Imħabba ta' Tirann* (1863)

Dan huwa l-ewwel rumanz bil-Malti ppubblikat li nafu bih.

25. **Anton Manwel Caruana** - *Ineż Farruġ* (1889)

Wieħed mir-rumanzi storiċi-romantiċi ewlenin bil-Malti. Inkiteb fl-1889 bi ġrajja ta' Malta fi żmien is-seklu ħmistax.

26. **Ġużè Muscat Azzopardi** - *Nazju Ellul* (1909)

Muscat Azzopardi spikka bħala rumanzier. *Nazju Ellul* huwa l-aħħar wieħed mir-rumanzi storiċi tiegħu u nkiteb fl-1909.

X'kariga kellu l-Ispiżjar Slaw Gatt li jidher f'paġna 57?

________________________________________



27. ***Il-Ħabib*** - ġurnal (1912)

Ġurnal bil-Malti li kien joħroġ kull nhar ta' Ħamis bl-ewwel ħarġa tkun fl-1 ta' Frar, 1912. L-editur tiegħu kien Ġużè Muscat Azzopardi.

28. ***Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien Nru 140*** (1914)

Fis-sena 1914 is-Sur Alfons Marija Galea, ippubblika ħmistax-il poeżija ta' Dun Karm fil-ktejjeb ***L-Ewwel Ward*** jew ***Ġemgħa ta' Poeżijiet li Ktibt bil-Malti***.

Il-kelma ***Poeżijiet*** li tidher fit-titlu hija mibnija mill-kelma Rumanza ***poeżija*** u ż-żieda fl-aħħar ***ijiet***. Is-suffiss ***ijiet*** huwa: Semitiku ☐ Rumanz ☐ Ingliż ☐



## 20. **Luigi Rosato** - *Katarina* (1847)

Luigi Rosato hu magħruf l-aktar bħala drammaturgu (kittieb tal-palk). Hu kien l-ewwel wieħed li uża l-Malti fil-kitba tad-drammi.

L-ewwel taqsima tad-dramm hija ambjentata fit-___________________________, waqt li t-tieni taqsma hija ambjentata fl-____________________ .



## 21. **Paolo Pullicino** - *Tagħlim il-Qari Malti Miktub għat-Tfal tal-Iskejjel* (1852)

Il-Kanonku Paolo Pullicino kien Spettur tal-Iskejjel Primarji bejn l-1850 u l-1880. Hu stinka biex iġib aktar dixxiplina fl-iskejjel u jtejjeb il-livell tat-tagħlim.

## 22. **Ġan Anton Vassallo**

*Poesie Maltesi ad Uso delle Scuole Primarie* (1853)

L-għan ta' din il-ġabra kien li tgħin lit-tfal jipperfezzjonaw fil-qari bil-Malti u fl-istess ħin tiġbidhom aktar lejn ilsien art twelidhom.

L-epika ***Il-Ġifen Tork*** hija magħmula minn 116-il _________ (quddiemek qed tara l-ewwel tlieta minnhom) u l-versi huma ______________________.



## 23. **Ġan Anton Vassallo**

*Ħrejjef u Ċajt bil-Malti* (1863)

Vassallo jinqeda bil-poeżija biex joħloq aspetti morali u jgħallem. Il-poeżija tieħu forma ta' ħrafa li xi drabi



## 7. **Ġan Piet Franġisk Agius De Soldanis**

*Damma ta' Kliem Kartaġiniż Imxerred fil-Fomm tal-Maltin u l-Għawdxin* (mibdi c. 1750 - mitmum c. 1766)

F'paġna 167 De Soldanis jagħti d-diminuttiv ta' flixkun li llum m'għadniex nużawh. Iktbu fil-kaxxa t'hawn taħt bil-Malti tal-lum.



Iktar 'l isfel fl-istess paġna jagħti wkoll eżempju ta' żewġ tipi ta' fliexken. Dawn huma (iktibhom bil-Malti tal-lum):



## 8. **Dun Feliċ Demarco** - *Żwieġ la Maltija* (1760)

*Żwieġ la Maltija* hi l-ewwel qarċilla miktuba għall-karnival.

Kompli din l-istrofa mill-***Qarċilla*** ta' Dun Feliċ Demarco tal-1760. Jekk trid għandek l-oriġinal biex 'tgħinek'.



*Ukoll tagħmillu patt*

*illi l-għarusa hija t__________*

*u minn wara ftit ħotbija,*

*widnejha naqra qsar*

*jixbhu lil tal-______________*

*u ħalqha nitfa kbir*

*geddumha bħal tal-ħanżir*

*Imneħirha daqs l-Imdina*

*li f'wiċċha jagħmlilha żina.*





## 17. **Ġan Anton Vassallo** - *Għall-Kitarra* (1851)

F'dan il-ktejjeb dehret il-poeżija *Tifħira lil Malta* li tkantat bħala innu nazzjonali fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin.

Għal ħafna snin ***Tifħira lil Malta*** ta' Ġan Anton Vassallo kienet titkanta bħala l-innu nazzjonali. Kompli t-tieni strofa bl-ortografija ta' Vassallo:



*Inti turi lil barrani*

*Tieba, ghana, g'miel u ______________ ;*

*Donnu is-sema meta halkech*

*Kal—il hena irrid èm __________ .*

Ir-rima f'din l-istrofa hija _______________ .

## 18. **Francesco Vella** - *Dizionario Portatile* (1843)

Vella ħareġ dan id-dizzjunarju għax kien jemmen li mingħajr kotba tal-grammatika u dizzjunarji l-Malti miktub qatt ma seta' jimxi 'l quddiem.

## 19. Il-***Giaħan*** - ġurnal (1846)




Fil-poeżija _______________

naqraw dwar drawwa

marbuta mal-ewwel

tas-sena li kellhom

il-Maltin: dik li jduru

b'kaxxetta għall-flus.



## 13. **Ludovik Mifsud Tommasi** - *Il-Kurunelli* (1835)

Ludovik Mifsud Tommasi (1795-1879) kien qassis, edukatur u poeta. Beda jistampa l-kurunelli u talb ieħor bil-Malti mis-sena 1835 'il quddiem. Il-kurunelli kienu talbiet miktuba forma ta' poeżija, maħsubin bħala tifħir lil xi qaddis u kienu jitqassmu f'fuljetti fil-festi.

## 14. ***L-Arlekkin jew Kawlata Ingliża u Maltija***

Wieħed mill-ewwel ġurnali Maltin (1838)

Tnejn mill-ewwel poeżiji stampati bil-Malti, *L-Imħabba u Fantasija* u *Sunett* dehru f'dan il-ġurnal.

## 15. ***Bertoldu*** - ġurnal (1839 – 1861)

Dan kien wieħed mill-ewwel ġurnali bil-Malti li bdew joħorġu wara l-għoti tal-libertà tal-istampa. Kien jieħu ħsiebu Dun Ġużepp Zammit, magħruf ukoll bħala 'Brighella', mill-isem tal-ġurnal bit-Taljan li kien joħroġ fl-istess żmien.

L-ewwel ħarġa tal-ġurnal ***Bertoldu*** ħarġet nhar

il- [    ], 24 ta' [    ] 1839 u

l-prezz tagħha kien [    ]



## 16. ***Il Filologo Maltese*** - ġurnal (1841)

*Il Filologo Maltese* kien ġurnal maħruġ minn Dun Salvatore Cumbo ddedikat għall-istudju tal-Malti.



Din hija silta oħra mill-Qarċilla ta' Dun Feliċ Demarco

*...ukoll gorboġ u gallinar*

*biex jistrieħu f'nofsinhar;*

*u sodda ta' żewġ xorok*

*biex ma jsibux x'jieħdu xħin jiġu t-Torok*

*u tagħtih żewġ imtieraħ*

*il-wieħed bla suf u l-ieħor fieragħ...*

Din is-silta fiha:

rima mqabbża ☐ rima mbewsa ☐ rima ħielsa ☐





9. **Mikiel Anton Vassalli**

*Ktieb il-Kliem Malti* – il-*Lexicon* (1796)

*Ktieb il-Kliem Malti* (jew il-*Lexicon*) huwa l-ewwel dizzjunarju stampat bil-Malti.

It-tielet kelma f'paġna 624 tal-***Lexicon*** ta' Vassalli hi ЩAHAR. X'ħoss taħseb li tirrappreżenta l-ewwel ittra tal-kelma? [ ]

Kif kien jissejjaħ bil-Malti x-xahar ta' Settembru dak iż-żmien? Iktbu bil-Malti tal-lum.

_ _ _ _ _ *is* - _ _ _ _ _ _



10. **Francesco Vella** - *Ktieb il-Qari* (1824)

Probabbilment dan huwa l-ewwel ktieb stampat kollu bil-Malti.



F'paġna 6, Vella jagħti erba' stampi ta' żewġ oġġetti u żewġ annimali. Ikteb bil-Malti tal-lum iż-żewġ annimali u ż-żewġ oġġetti.

Fin-naħa t'isfel ta' paġna 6, Vella jagħti s-sitt vokali fl-ilsien Malti. Iktibhom kif qed tarahom.



11. **Mikiel Anton Vassalli**

*Grammatica della Lingua Maltese* (1827)

Din hi t-tieni grammatika ta' Vassalli u kienet aktar aċċessibbli għall-pubbliku għax stampaha bit-Taljan

F'paġna 102, Vassalli jitkellem fuq ***Numero Duale***. Fil-grammatika llum dan jissejjaħ:

*L-Għ*_______ *I*_________

X'inhu n-***numero duale*** ta' dawn il-kelmiet:

***Ħaġeb***

***Difer***

***Minfes***



12. **Mikiel Anton Vassalli**

*Motti, Aforismi e Proverbi Maltesi* (1828)



Ikteb bil-Malti tal-lum, il-qawl numru 161 li jagħti Vassalli.

X'tifhem bih dan il-qawl?